3 ta' Diċembru, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

**Paolina Axiak pr. et ne. *versus* Salvatore Cutajar**

**Board tal-Kera — Sentenza — Eżekuzzjoni — Appell — Art. 290 tal-Proċedura Ċivili u art. 21 ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1931.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi tal-Kera li tagħti appell f'ċerti każi mid-deċiżjonijiet tal-Board tal-Kera, tirrigwarda s-sentenzi definitivi ta' dak il-Board, kif ukoll xi sentenza parzjali li tiddirimi xi kwistjoni ta' dritt, jew inkella d-digrieti interlokutorji fejn ikun hemm involuta kwistjoni ta' dritt; u ma tistax qatt tapplika għal digrieti oħra li jagħti l-Board in eżekuzzjoni tas-sentenzi tiegħu.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ma tistax tindaħal lill-Board kif jeżegwixxi s-sentenzi tiegħu, salvi rimedji oħra jekk il-liġi ma tkunx ġiet osservata f'dik l-eżekuzzjoni.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' Pawlina Axiak "proprio et nomine", quddiem il-Board tal-Kera, fejn talbet li jiġi maħruġ mandat ta' żgumbrament in eżekuzzjoni tas-sentenza tal-25 ta' April 1945 tal-Board:

*Omissis;*

Rat id-digriet moghti mill-istess Board fl-24 ta' Settembru 1945, fejn ordna lill-Marixxall eżekutur li jipproċedi għal dak l-iżgumbrament, wara li jagħti s-solitu avviż lill-persuna li għandha tiġi żgumbrata, u l-ispejjeż kollha ta' dak il-proċediment jitħallsu minn Salvatore Cutajar wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' Salvatore Cutajar, fejn talab illi dak id-digriet jiġi revokat, billi jiġi deċiż illi l-mandat ta' l-iżgumbrament ma għandux jiġi *eżegwit*; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità;

Illi skond l-art 255 tal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili, mid-digrieti interlokutorji hemm appell tant qabel kemm wara i-*pronunzjazzjoni* tas-sentenza, u kif irriteniet dina l-Qorti in re "Dr. G. Busuttil vs. Onor. Prof. Dr. Carlo Mallia ne." (Kollez. Vol. XXVI-I-161), "il decreto interlocutorio 'non terminat negotium principale et aliam post se expectat sententiam". F'dan il-każ hija ħaġa żgura illi dan id-digriet li minnu hemm dan l-appell mhux digriet interlokutorju, għaliex ma kienx provvediment interinali li sar waqt il-kawża u pendenti l-kawża bejn il-partijiet, u ma kienx hemm u ma kienx ikun possibili li jkun hemm "aliam sententiam" definitiva fuq il-*meritu*. Għall-kuntrarju, is-sentenza definitiva diġà kienet hemm meta l-Board ordna l-iżgumbrament ta' Salvatore Cutajar fil-11 ta' April 1945; u dan mhux ħaġa oħra ħlief digriet li ta l-Board "in eżekuzzjoni" ta' dik is-sentenza, peress li l-Marixxall eżekutur iltaqa' ma' tfixkil fl-eżekuzzjoni ta' l-iżgumbrament. Għalhekk mingħajr dubju mhux digriet interlokutorju;

Tikkunsidra;

Illi d-dispożizzjoni ta' l-Ord. XXI ta' l-1931 li tagħti f'ċerti każijiet appell mis-sentenzi tal-Board għal din il-Qorti tirriferixxi evidentement għas-sentenzi definitivi tal-Board in riferenza għall-meritu tar-rikors li jkollu quddiemu, kif ukoll għal sentenzi parzjali fejn ikun iddirima xi kwistjoni ta' dritt, jew inkella għad-digrieti interlokutorji fejn ikun hemm kwistjoni ta' dritt involut; iżda dik id-dispożizzjoni ma tistax tapplika

qatt għal digrieti oħra f' jagħti l-Board in esekuzzjoni tas-sentenzi tiegħu;

Inbagħal skond il-ġurisprudenza ġenerali u l-liġi proċedurali lokali, is-sentenzi huma eżegwibili mill-Qorti jew Board li jkun ippronunzjahom, skond id-dispożizzjoni espressa fl-art. 290 tal-Liġi tal-Proċedura Ċivili; u skond l-art. 21 ta' ta' l-Ordinanza fuq ċitata l-Board għandu l-poteri kollha mogħtija mill-Liġi tal-Proċedura Ċivili lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Ma-stà Tiegħu r-Re, u lill-istess Board tmiss l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tiegħu skond dawk il-Liġijiet. Għalhekk in forza ta' dawn id-dispożizzjonijiet din il-Qorti ma tistax tindaħal lill-Board kif jeżegwixxi s-sentenzi li l-istess Board ikun ta, salvi rimedji oħra jekk il-liġi ma tkunx osservata f'dik l-eżekuzzjoni;

Dan apparti l-kwistjoni sollevata mill-appellat, ta' l-interess ta' l-appellant, li ma tistax, minħabba r-raġunijiet fuq miġjuba, tiġi eżaminata;

Għal dawn ir-raġunijiet:

'Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari mogħtija mill-appellat, u tiddikjara illi d-digriet fuq imsemmi mhux appellabili lil din il-Qorti, u għalhekk tiddikjara null dak l-appell, bl-ispejjeż relativi kontra l-appellant; salv kwalunkwe rimedju ieħor "si et quatenus".